MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2004

Numru 235/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonnici)**

**vs**

**JOSEPH DALLI**
**RENATO MATTEI**

**Illum 22 ta' Novembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom:

Joseph Dalli, ta' 53 sena, iben Joseph Mary u Theresa nee` O'Flaherty, mwieled Floriana nhar il-25.12.50,

residenti fil-fond numru 64, Triq Paola, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 66651(m), flimkien ma’

Renato Mattei, ta’ 55 sena, iben Saverino u Ines nee` Antonini, mwieled Ascoli Piceno Acqua Santa Terme, fl-Italja nhar it-03.10.48, residenti fil-fond numru ‘Casa Mattei’, Triq is-Sidra, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 231685(m),

ilkoll bhala Diretturi tal-Kumpanija ‘Italian Catering Company Limited’, bin-numru tar-registrazzjoni C 4184, gew akkuzati:

Talli, fil-kapacita taghhom bhala Diretturi tal-Kumpanija ‘Italian Catering Co. Ltd.’, f’dawn il-gzejjer fit-8 t’Ottubru 1999 u fi zmien ta’ qabel, b’diversi azzjonijiet maghmula minnhom, anke` jekk fi zmienijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzjoni wahda; bhala detenturi tal-fond ‘Café Roma’ sitwat Triq Ghar il-Lembi, Sliema, jew bhala persuni li kellhom f’idejhom l-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa ikkommettew serq ta’ kurrent elettriku minn ‘meter’ tad-dawl, li jinsab fl-imsemmi fond, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi Lm1,000 u dan kollu bi ksur ta’ l-artikoli 261, 263(a), 264(1 & 2), 267 u 270 rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli, fl-istess zmien ghamlu hsara fil-makkinarju u gumni ta’ l-elettriku, jew ikkagunaw telf ta’ kurrent ta’ l-elettriku, u fl-ahhar talli ghamlu hsara jew gharrqu xi apparat, jew parti mill-‘meter’ ta’ l-elettriku jew sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista ta’ l-elettriku jew sigilli taghhom u dan kollu bi ksur ta’ l-artikolu 326 (1) (c) & (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MB5 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u tathom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermax l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(1) (c) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Joseph Dalli u Renato Mattei, fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputati Joseph Dalli u Renato Mattei ammettew fi stadju bikri tal-kawza u l-fedini penali ta’ l-imputati, tillibera lill-istess imputati taht il-Provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Joseph Dalli u Renato Mattei l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------